DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1837

tal-15 ta' Ottubru 2021

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-emenda tad-deċiżjoni li tistabbilixxi lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ") ġie konkluż permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 ([1]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

(2) Skont l-Artikolu 171(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Kumitat Konġunt stabbilixxa sa tmiem il-perijodu ta' tranżizzjoni stabbilit skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ, lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ. Il-Kumitat Konġunt għandu jiżgura li l-lista tkun konformi mar-rekwiżiti fi kwalunkwe mument.

(3) Skont l-Artikolu 171(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-lista ma għandhiex tinkludi persuni li jkunu membri, uffiċjali jew aġenti oħra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, tal-gvern ta' xi Stat Membru, jew tal-gvern tar-Renju Unit.

(4) Waħda mill-persuni fuq il-lista li ġew proposti mill-Unjoni nħatret bħala Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u għalhekk ma għadhiex tissodisfa r-rekwiżiti biex tkun arbitru skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ.

(5) Huwa għalhekk meħtieġ li dik il-persuna tiġi sostitwita minn kandidat mil-lista ta' riżerva ta' kandidati li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-Unjoni ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ, kif jinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2232 ([2]).

(6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt,

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2232 tat-22 ta' Diċembru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim u dwar lista ta' riżerva ta' persuni li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-Unjoni ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 182).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fir-rigward tal-emendar tad-deċiżjoni li tistabbilixxi l-lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ hija mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-15 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. CIGLER KRALJ

ANNESS

DEĊIŻJONI NRU […]/2021 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT BIL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

ta' …

li temenda d-Deċiżjoni Nru 7/2020 li tistabbilixxi lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' bord ta' arbitraġġ skont il-Ftehim

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 171(1) u (2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 171(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ"), il-Kumitat Konġunt stabbilixxa, sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit skont dan il-Ftehim, lista ta' 25 persuna li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ordinarji ta' bord ta' arbitraġġ. Il-Kumitat Konġunt għandu jiżgura li l-lista tkun konformi mar-rekwiżiti fi kwalunkwe mument.

(2) Skont l-Artikolu 171(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-lista ma għandhiex tinkludi persuni li jkunu membri, uffiċjali jew aġenti oħra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, tal-gvern ta' xi Stat Membru, jew tal-gvern tar-Renju Unit.

(3) Waħda mill-persuni fuq il-lista li proposta mill-Unjoni nħatret bħala membru bħala istituzzjoni tal-Unjoni u għalhekk ma għadhiex tissodisfa r-rekwiżiti biex tkun arbitru skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ.

(4) Għaldaqstant hemm bżonn li dik il-persuna fuq il-lista ta' persuni stabbilita fl-Anness I għad-Deċiżjoni Nru 7/2020 tal-Kumitat Konġunt ([2]) tiġi sostitwita,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-lista ta' 25 persuna lesti u kapaċi jservu bħala arbitri skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ kif stabbilita fl-Anness I għad-Deċiżjoni Nru 7/2020 tal-Kumitat Konġunt hija emendata kif ġej:

Is-Sinjura Tamara ĆAPETA hija sostitwita mis-Sur Ezio PERILLO.

([1]) ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.
([2]) ĠU L 443, 30.12.2020, p. 22.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

Għall-Kumitat Konġunt
Il-Kopresidenti